**31 ta' Ottubru, 1984**

**Imhallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Edwin Vella

*versus*

Amante Caruana

## Tpartit - Forma Miktuba *Ad Substantiam* u mhux *Ad Probationem* - Boll

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti dwar eċċezzjoni preliminari fuq skrittura ta' tpartit. L-eċċezzjoni kienet illi d-dokument ma kienx jikkonforma mar-rekwiziti tal-liġijiet fiskali dwar it-trasferimenti.*

*Fit-termini ta' l-allura Kap. 68, l-assenza ta' boll setgħet iġġib kontravvenzjoni tal-liġi fiskali iżda mhux in-nullità ta' l-obbligazzjoni. Il-Qorti sabet ukoll illi r-rekwiziti tal-forma miktuba kien ġie sodisfatt u għalhekk l-iskrittura* de quo *ikkreat obbligazzjoni vinkolanti.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta li bi skrittura tad-9 ta' Settembru, 1979 (dok. A), il-kontendenti għamlu tpartit bejniethom billi l-attur ikkonsenja lill-konvenut *Cabin Cruiser* u rċieva mingħand il-konvenut karozza Mini Cooper No. 36366. illi l-konvenut għal din il-permuta kellu jħallas żieda ta' Lm2,500, li minnhom huwa ħallas dak in-nhar ta' l-iskrittura s-somma ta' Lm500 u obbliga ruħu li jħallas il-bilanċ ta' Lm2,000 sa l-aħħar ta' Novembru, 1979; illi l-inġenji (il-*cabin cruiser* u l-karozza) ġew ikkonsenjati bħala *tale quale*; illi l-kontendenti kellhom jagħmlu t-*transfer* tal-liċenzi favur xulxin; illi sal-lum il-konvenut għadu ma ħallasx lil-attur il-bilanċ minnu dovut ta'

elfejn lira (Lm2,000) u lanqas resaq ħalli jagħmel it-*transfer* tal-liċenza tal-karozza fuq imsemmija favur l-attur; illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jagħmel dan it-*transfer* u qiegħed jippretendi li jxolji l-obbligazzjoni minnu assunta għaliex qiegħed jallega li l-*cabin cruiser* mhux ta' kostruzzjoni estera; illi, kif fuq imsemmi, l-attur partat mal-konvenut il-*cabin cruiser* mal-karozza bħala *tale quale* u mingħajr ebda patt ieħor u illi l-konvenut ġie nterpellat b'ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru, 1979, sabiex jieħu ħsieb jagħmel it-*transfer* tal-liċenza tal-karozza fuq imsemmija, iża ta' xejn, talab li: (1) il-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' Lm2,000 bilanċ tas-somma ta' Lm2,500 li tirrappreżenta ż-żieda fuq il-prezz tal-karozza numru 36366; (2) il-konvenut jiġi kkundannat biex fi żmien qasir u perentorju jagħmel it-transfer tal-liċenza tal-karozza numru 36366 minn fuq ismu għal fuq isem l-attur u (3) fin-nuqqas li jagħmel dan, l-istess *transfer* jiġi ddikjarat li sar bis-saħħa tas-sentenza, bl-imgħax kummerċjali fuq is-somma ta' Lm2,000 fuq imsemmija mill-1 ta' Diċembru, 1979, u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru, 1979;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa preliminarjament li l-azzjoni ta' l-attur mhix ammissibbli billi n-negozju ma sarx *ai termini* ta' dak li jingħad fl-artikoli 57 u 60 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, u bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda billi l-attur intenta li jbigħ oġġett li ma kienx irreġistrat f'ismu u barra minn hekk ipprova jqarraq lill-konvenut billi qallu li l-*Cabin Cruiser* in kwistjoni kienet ta' kostruzzjoni estera mentri din hi ta' kostruzzjoni lokali;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa, dejjem in linea preliminari u bla preġudizzju għal dak diġà eċċepit, illi l-iskrittura esebita mill-attur bħala dok. A mhix valida għall-effetti tal-liġi u l-iskrittura bilaterali segwita

fi żmien sebat ijiem bil-proċeduri tal-boll u tat-*transfer* tal-liċenza hi tassattiva biex in-negozju jseħħ, illi l-konsenja ta' l-oġġetti in meritu u ta' xi flus akkont ma tiswa xejn f'dan il-każ għall-fini tal-liġi u t-tpartit baqa' ma seħħx *de jure* u għalhekk l-azzjoni hi intempestiva għax l-attur qed jitlob il-kundanna f'bilanċ ta' prezz qabel ma seħħ in-negozju innifsu u meta l-attur innifsu jinsab hu stess inadempjenti fil-parti tiegħu tal-ftehim oriġinali - liema ftehim waqa mal-li ma avveraww ruħhom *il-kondizzjonijiet rikjesti u hawn fuq indikati u għaldaqstant fil-*karenza ta' l-azzjoni ta' l-attur, il-konvenut talab li jiġi illiberat mill-osservanzja tal-ġudizzju, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fil-meritu u bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-*Kummerċ fit-3 ta' Frar, 1982 li biha dik il-Qorti rrespinġiet l-*ewwel eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenut - l-ispejjeż nkorsi bl-istess deċiżjoni jibqgħu riservati sal-finali ġudizzju wara li kkunsidrat illi:

L-attur qed jippretendi li għad fadallu jieħu mingħand il-*konvenut is-somma ta' Lm2,000 bilanċ ta' Lm2,500 li l-*konvenut kellu jżid mal-karozza Mini fl-okkażjoni tat-tpartit ma' *Cabin Cruiser*; li l-konvenut għandu jiġi kkundannat biex fi żmien prefiġġendo huwa jagħmel it-*transfer* tal-karozza 36366 minn fuq isemu għal fuq isem l-attur, u li fin-nuqqas tiegħu, *transfer* għandu jiġi ddikjarat li sar;

In sostenn tal-pretensjoni tiegħu, l-attur esebixxa maċ-ċitazzjoni dok. A skrittura. F'din l-iskrittura ffirmata miż-żewġ kontendenti hemm imniżżel dan li ġej. Amante Caruana jiddikjara li partat *Cabin Cruiser* ta' Edwin Vella u li kien ser jagħtih Mini Cooper nru. 36366 u Lm2,500. Barra minn hekk tiddikjara li kien ser jagħtih il-Mini Cooper dak in-nhar 9 ta' Settembru, 1979 u dan flimkien ma' Lm500 u l-bilanċ ta'

Lm2.000 sa l-aħħar ta' Novembru, 1979. L-unika kondizzjoni li tnizzlet hija li t-*transfers* relattivi jduru u l-inġenji huma *tale quale*:

Il-konvenut issolleva żewġ punti bħala eċċezzjonijiet. L-ewwel qal li l-azzjoni mhix ammissibbli għax in-negozju ma sarx *ai termini* ta' l-artikoli 57 u 60 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta u fit-tieni lok li l-attur ipprova jqarraq lill-eċċipjent billi l-kostruzzjoni tal-*Cabin Cruiser* kienet lokali meta fil-fatt l-attur kien qal lill-konvenut li kienet ta' barra:

Mill-provi li tressqu u ċjoè x-xhieda ta' l-attur, għax il-konvenut għad li kellu l-opportunità ma xehdx, jirriżulta li l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut ipartat Mini flimkien ma' Lm2.500 mal-konvenut li kellu in kontro kambju jagħti *Cabin Cruiser*. Din kellha magna Mercury 150 H.P. Waqt it-tpartit, il-konvenut ta l-Mini flimkien ma' Lm500 u kellu jagħti l-bilanċ fi żmien xahrejn. Sakemm għaddew ix-xahrejn, il-konvenut baqa' juża l-*Cabin Cruiser* u l-ewwel indikazzjoni li kien qed jerġa' jibdielu kien wara li għaddewlu x-xahrejn u l-attur ċempillu għall-bilanċ. Hemmhekk qallu li kien bi ħsiebu jreġġa' kollox lura, għax id-dgħajsa ma kinitx ta' barra. L-attur xehed li meta tkellmu waqt it-tpartit, id-diskors kien biss fuq il-prezz u fuq xejn aktar:

L-attur qallu li huma ma kinux tkellmu fuq hekk. Fix-xahrejn mill-iskrittura sa Novembru ma marrux id-depot ħalli jagħmlu t-*transfers* għaliex l-attur ma kienx għadu ħallas il-bilanċ. L-iskrittura saret fil-5 ta' Settembru, 1979. L-iskrittura ma' Oliver Abela kienet saret fl-10 ta' Awissu, 1979 u l-bolli tħallsu mill-avukat ta' l-attur fl-10 ta' Jannar, 1980. Iċ-ċitazzjoni saret fil-11 ta' Frar, 1980 meta l-bolli kienu tħallsu u b'hekk l-attur seta' jagħmel użu mill-istess skrittura:

Il-liġi, kif jirritjeni l-konvenut, għar-rigward il-bejgħ tal-karozzi tirrikjedi skrittura, u dan *ad validitatem*, u mhux sempliċement *ad probationem*. M'hemm ebda forma speċifika attribwita għal dan il-każ u kwindi dak li trid il-liġi hu biss li l-ftehim isir bil-miktub. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ftehim tat-tpartit in kwistjoni hekk sar u dan permezz tad-dok. A tad-9 ta' Settembru, 1979. Una volta ssir l-iskrittura iżda ma tkunx bollata, l-ineffikaċja tagħha mhix radikali u perpetwa imma tibqa' hemm biss sakemm ikun regolarizzat (ara **Falzon** *vs* **Tanti**, 7.12.56, Vol. XL, pt. I, p. 386). Fis-sentenza preċitata hemm riferenza għal diversi sentenzi oħra f'dan is-sens;

Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax treġi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fid-9 ta' Frar, 1982;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fl-24 ta' Frar, 1982 li biha talab, għar-raġunijiet hemm *sottomessi*, li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata deċiża fit-3 ta' Frar, 1982 u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant li l-azzjoni mhix ammissibbli għax in-negozju ma sarx *ai termini* ta' l-artikoli 57 u 60 tal-Kap. 68 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż definittivament kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fit-3 ta' Marzu, 1982;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-eċċezzjoni tal-konvenut appellant mill-Ewwel Qorti u li dwarha qed isir il-preżenti jgħid li l-azzjoni ta' l-attur appellat mhix ammissibbli għax in-negozju ma sarx *ai termini* ta' dak li jingħad fl-artikoli 57 u 60 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta. li kienet viġenti fil-mument tan-negozju. Dikjarazzjoni li akkompanjat l-istess eċċezzjoni tgħid li d-dokument A (fol. 4). li għalih irriferixxa l-appellat mhux skrittura imma sempliċi dikjarazzjoni magħmula skond il-modalità li titlob il-liġi:

Skond l-artikolu 57 tal-Kapitolu 68. (emendat bl-artikolu 4 ta' l-Att XVIII ta' l-1951) kombinat l-artikolu 60. bejgħ ta' karozza għandha ssir bil-miktub. L-imsemmija hija rikjesta mhux biss għall-finijiet tal-boll iżda l-assenza ta' kitba tista' timporta mhux biss kontravvenzjoni tal-liġi fiskali fuq imsemmija bla ma ġġib in-nullità tan-negozju relattiv. imma. kif jgħid l-artikolu 60 "*in default of formality. such conveyance. contract or negotiation cannot be valid as entitling to a right of action*". Jiġifieri l-imsemmija liġi fiskali. wara li esiġiet għal trasferiment ta' karozza l-kitba. kompliet tgħid li konvenzjoni bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni l-azzjoni. Fi kliem ieħor. il-formalità ta' l-iskrittura jew kitba hija rikjesta mill-imsemmija liġi mhux biss *ad probationem* iżda *ad substantiem* (ara Appell. **Falzon vs Tanti.** 7 ta' Diċembru. 1956. Kollezzjoni Deċiżjonijiet. Vol. XI-I-583; Prim'Awla. Qorti Ċivili. **Spiteri vs Dingli.** 12 ta' Frar. 1959. Kollez. Deċ. XLIII-II-639);

Fil-każ preżenti. il-konvenut appellant qiegħed jippretendi. kif ġà ingħad. illi l-imsemmi dok. A jammonta biss għal sempliċi dikjarazzjoni unilaterali tiegħu u li għalhekk ma jissodisfax l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi:

Il-Qorti. wara li eżaminat l-imsemmi dokument A. ma

tarax li tista' taqbel ma' l-imsemmija sottomissjoni tal-konvenut appellant. Id-dokument A jgħid: "Jien, Amante Caruana niddikjara li partat *Cabin Cruiser* ta' Edwin Vella u se ntieħ il-Cooper 36366 u ħamsa u għoxrin mija żieda. Ii ser intih il-Cooper illum *plus* ħames mija magħhom u l-kumplament ta' elfejn lira jitħallsu sa l-aħħar ta' Novembru. Bil-patt li *transfers* iduru u l-inġenju (*sic*) huma *tale quale*". Dan id-dokument huwa iffirmat mill-imsemmi Amante Caruana, ċjoè l-konvenut appellant. li huwa kkwalifikat bħala kompratur, kif ukoll mill-attur appellat ikkwalifikat bħala venditur fl-istess dokument;

Il-Qorti hi tal-fehma li meta l-attur appellat iffirma ukoll l-imsemmi dokument, huwa intrabat għal dak kollu li kien iddikjara fih il-konvenut appellant u għalhekk dak id-dokument għandu jitqies bħala ftehim bilaterali u li jorbot iż-żewġ partijiet li ffirmawh. Id-dokument kien ikun sempliċi dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenut appellant kieku ma ffirmahx l-attur appellat. Iżda, malli ffirmah (kif dejjem kien intiż li jiffirmah), il-ftehim bejn il-firmatarji tiegħu ġie konkjuż;

Konferma ta' l-imsemmija konklużjoni tal-Qorti toħroġ ċara mill-istess kliem tad-dokument A fl-aħħar parti tiegħu. Id-dokument A, meta jgħid "bil-patt li *transfers* iduru" qiegħed jirriferixxi mhux biss għat-*transfer* tal-karozza li kellu jagħmel il-konvenut appellant iżda ukoll għat-*transfer* tal-*cabin cruiser* li kellu jagħmel l-attur appellat. Kieku d-dokument A kien sempliċi dikjarazzjoni tal-konvenut appellant ma kienx jimponi l-patt li t-*transfers* iduru, jiġifieri ma kienx jimponi patt li jirrigwarda dak li kellu jagħmel l-attur appellat;

Hekk ukoll id-dokument A jgħid fl-aħħar kliem tiegħu "u l-inġenju (*sic*) huma *tale quale*". B'dan il-kliem l-attur appellat u l-konvenut appellant kienu qegħdin jirriferixxu sia għal *cabin cruiser* kif ukoll għall-karozza fuq imsemmija u kull wieħed

minnhom kien qed jghid li dak li kien qed jigi mpartat minnu kien *tale quale*:

Hemm ċirkostanza oħra li tkompli tikkonferma l-imsemmija konklużjoni tal-Qorti. Kif jidher mill-ittra uffiċjali tieghu ta' l-1 ta' Novembru, 1979, l-istess konvenut appellant ikkunsidra l-imsemmi dokument A bħala ftehim vinkolanti tant li fl-imsemmija ittra uffiċjali l-konvenut appellant interpella lill-attur appellat li jaddivjeni għax-xoljiment tat-tpartit, billi l-*cabin cruiser*, skond il-konvenut, ma kinitx ta' kostruzzjoni estera:

Għal dan il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tibgħat lura l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenut appellant.